# FTIT PRINĊIPJI TAL-PEREGRINATIO

*(Santu Wistin jgħidilna li l-qalb tal-bniedem hi magħmula għal Alla u ma ssibx serħan qabel ma tistrieħ fih.F'dan il-ħsieb ta' dak il-qaddis kbir aħna naraw il-qawwa prinċipali li twassal lil ħafna għall-Peregrinatio.)*

Il-Moviment tal-Peregrinatio pro Christo għandu f' idejh ħidma tremenda u x-xogħol tiegħu qed jirnexxi. Kien hemm min deherlu li m'aħniex nirnexxu biżżejjed; li l-ftit mijiet li kull sena jiżdiedu hawn fl-Irlanda ma' dawk tas-sena ta' qabel mhumiex biżżejjed. Iżda min iħares lejn dawk biss ikun jiżbalja: donnu jaħseb li l- Peregrinatio mhuwiex ħlief moviment ta' pajjiżna.

Huwa fatt li l-idea tal-Peregrinatio qiegħda tinfirex ma' kullimkien bħan-nar ta' ħuġġieġa. Ħarsa lejn l-aħbarijiet li jaslulna mid-dinja turina li l-idea qabdet l-għeruq f'ħafna postijiet. Qisu kien hemm xita tan-nar li niżlet kullimkien u qabbdet ħafna ħġejjeġ. Għandi għax naħseb li fi żmien qasir l-idea tkun aċċettata mad-dinja kollha. U meta jiġri dan tkun seħħet ħaġa tassew tal-għaġeb: il-Kristjaneżmu jkun verament niżel fil-fond bis-serjetà. *Għaliex il-Kristjaneżmu, jekk nifhmuh sewwa, mhuwiex biss li taċċetta l-fidi, iżda li taċċettaha b'mod u manjiera li int toħroġ ixxerridha ma' kullimkien.*

Għalhekk il-figura li għandna nġibu quddiem għajnejna u naħsbu fuqha hi dik ta' nar li qed jinfirex. Nar bħal dan malajr jilħaq kullimkien. Kieku l-popolazzjoni kollha Kattolika kienet ħuġġieġa waħda ta' fidi, li allura trid tinfirex, kienet

tkun qawwa li ma jżommha ħadd u xejn. Iżda min-naħa l-oħra, qawwa bħal din ma tkun xejn jekk inxebbħuha mal-qawwa li jagħmel minnha l-Ispirtu s-Santu.

## Hemm intoppi kbar

Il-Peregrinatio tant joffri tama li l-Kattoliċi jqumu u jagħmlu dmirhom f'dan ir-rigward li hija ħaġa żgura li l-Moviment isib quddiemu intoppi mmensi li jfixkluh. Ikun hemm diffikultajiet naturali, u jkun hemm ukoll diffikultajiet sopranaturali. B'diffikultajiet sopranaturali nifhem li għandna nistennew li nsibu l-qawwiet tal-ħażen magħqudin kontra tiegħu. Dawk il-qawwiet huma kbar. Mingħajr dubju jagħmlu ħilithom kollha kontra dan il-Moviment hekk mimli b'possibiltajiet kbar. U jekk, minbarra dawn il-qawwiet, wieħed jaħseb fid-diffikultà biss li żżomm fl-aqwa tiegħu l-entużjażmu tan-nies, wieħed jista' jaqa' fil-pessimiżmu u jikkonkludi li l-Moviment se jiġi mwaqqaf għal kollox mix-xogħol tiegħu. Hawn għandna żewġ affarijiet kontra xulxin: il-ħsieb li l-Peregrinatio jinxtered u jagħmel rebħiet kbar, u l-biża', li hu ħolma qaddisa li ma tistax isseħħ. Dan il-biża', jekk inħalluh jirbaħna, ikun diżastru. Ikunu saru tant rebħiet matul iż-żmien li fih il-Moviment ikun beda jinxtered u jimxi 'l quddiem. Iżda dak li jkun għadu ma twettaqx ikun bla tmiem! Għalhekk jien hawn se nittratta fuq ftit ideat importanti. L-agħar periklu tagħna, periklu li nsibu f'kull intrapriża bi skop għoli, hu li jista' jkollna prinċipji li ma jkunux ċari. B'hekk it-tfixkil li nsibu jista' jkarkar il-Moviment 'il barra mit-triq vera tiegħu. Irridu nkunu żguri mija fil-mija mill-għanijiet tagħna biex jirnexxielna negħlbu t-tfixkil u l-konfużjoni li niltaqgħu magħhom. Kultant naslu

f'punt fejn ikollna bżonn nagħmlu ħila ta' ġgant, għaliex naslu f'punt fejn qisna jkollna ngħaddu minn ġo muntanja.

## Neħtieġu fidi qawwija

Il-Peregrinatio għandna nħarsu lejh bħala oppurtunità biex niġu wiċċ imb wiċċ ma' nies mingħajr fidi ħalli nippreżentawlhom il-Knisja fil-milja tagħha u nħajruhom jaċċettawha. Għandu jirrifletti l-Kmandament li tana Sidna Ġesù Kristu għad-dinja kollha. Li timmira biss biex toħloq spirtu ta' aħwa ma' nies ta' twemmin ieħor ma nħossx li hu raġuni biżżejjed biex torganizza proġett ta' Peregrinatio. Il-kuntatt tagħna ma' kull individwu jkun tant qasir (forsi qatt ma niltaqgħu iżjed mal-persuna li tkun) li aħna nistgħu biss noffru tagħrif mill-iżjed qasir dwar l-iskop tagħna, li huwa li nissuġġerixxu b'mod dirett il-Knisja Kattolika. Inħossu li nkunu ngħinu l-ekumeniżmu jekk, ngħidu aħna, lill-Protestanti li ttraskuraw il-prattika ta' twemminhom inħajruhom jirritornaw lejn il-knejjes tagħhom. Jekk jagħmlu dan forsi jerġgħu jitkebbsu fil-fidi. Iżda, fiż-żmien qasir tal-kuntatt fil- Peregrinatio ma jkollniex ħin ħlief biex nitkellmu fuq is- suġġett tagħna.

Importanti ferm, li lanqas għandna noffru xi Kattoliċeżimu kajman, li b'xi mod ikun dgħajjef. Din ħaġa importanti ferm. Bħalissa dan il-periklu ssibu kullimkien, kif disgrazzjatament jidher mill-gazzetti. Ħafna, bil-ħsieb li jagħmlu l-Knisja togħġob lil dawk li mhumiex fiha, bi kliemhom qegħdin iċekknu u jnaqqsu l-importanza saħansitra tat-twemmin ewlieni tagħha.

Għalhekk fil-Peregrinatio għandna ninżlu sal-pedamenti, sal-ewwel prinċipji. L-aqwa fost dawn hija l-fidi. Il-forza qawwija, iżda li tgħaddi, tal-Peregrinatio hi essenzjalment ħidma ta' fidi. Bil-għajnuna tagħha biss nistgħu aħna naffrontaw u nargumentaw ma' dawk li huma bla fidi għal kollox, għal żmien qasir u mingħajr wisq tama li naraw ir-riżultati tax-xogħol tagħna. Għalhekk jiena nibda b'riflessjoni qawwija minn Santu Wistin. Dan il-qaddis jgħidilna li l-qalb tal-bniedem hi magħmula għal Alla u ma ssibx serħan qabel ma tistrieħ fih. In-nuqqas ta' serħan jista' jwassal il-bnedmin biex ifittxu kollox ħlief dak li hu tajjeb. Għaliex jekk lil Alla ma jafuhx ma jistgħux ifittxuh, u x-xewqat qawwija tagħhom jinfirxu f'kull di- rezzjoni oħra; u hekk in-nies mingħajr Alla aktarx li jaqbdu t-triq il-ħażina. F'dak il-ħsieb tal-qaddis kbir aħna nsibu l-ikbar qawwa li twassalna għall-Peregrinatio. Aħna għandna nemmnu li f'kull bniedem hemm dik il-ħerqa profonda għal Alla. Iżda tibqa' fis-subkonxju, tibqa' ħerqa mhix magħrufa sakemm xi ħadd iċaqlaqha. Meta nipprovaw inċaqalquha, bħal qanpiena li twieġeb għad-daqqa ta' l-ilsien, dik il-ħerqa tirrispondi għaċ-ċaqliqa tagħna jekk din tkun "xierqa". X'irrid ngħid bil-kelma "xierqa"? Irrid infisser ċaqliqa li hemm Alla fiha u li tfittex li tagħti 'l Alla lill-bniedem li jkun. Skop umanitarju jew skop sempliċiment ta' rispett fratern mhumiex biżżejjed. Dawk l-għanijiet jista' jkollhom element żgħir biss ta' l-ispiritwalita' meħtieġa, u lill-qalb tal-bniedem ma jżidulha xejn mal-ispirazzjoni li għandha.

# Noffrulhom il-Knisja Kattolika

Li nagħtu ’l Alla lill-persuna li nikkuntattjaw ifisser li nagħtuhulha fil-milja tiegħu. Dan ma jfissirx li għandna nitkellmu fuq Alla jew l-iskop prinċipali tagħna fl-ewwel minuta. Jista’ jkun li jkollna nżommu ftit lura. Jista’ jkun li jkollna nimxu bi prudenza kbira. Iżda f’qalbna għandu jkollna rieda qawwija li nagħtu ’l Alla fil-milja Tiegħu. Dan ma nistgħux nagħmluh mod ieħor ħlief billi noffru l-Knisja ’l dak li jkun, għaliex il-Knisja biss tagħtina l-ispjegazzjoni waħdanija ta’ Alla u ta’ dak li HU jagħmel mal-umanità. Knejjes oħra jista’ jkun li jgħallmu xi affarijiet tajba b’mod korrett, iżda dan jagħmluh biss billi jieħdu xi ħaġa tajba mill-Knisja vera - bħalma l-qamar jagħti d-dawl billi jirrifletti d-dawl veru tax-xemx.

F’idejn il-Knisja biss ġie fdat dak kollu li Alla ried jirrevelalna. Jekk aħna nibqgħu lura milli nsemmu l-misteri l-kbar tal-fidi tagħna la nkunu noffru l-Kristjaneżmu u lanqas ‘l Alla. U r-riżultat ikun baħħ kbir. Lill-bniedem li nkellmu għandna nwasslulu ‘l Ġesù Kristu sħiħ: id- Divinità Tiegħu, il-Preżenza Tiegħu fl-Ewkaristija, il-Quddiesa u l-Ġisem Mistiku. Għandna nsemmu wkoll lill-Vergni Marija, kif Ġesù ttratta magħha, u kif hi Omm il-bnedmin kollha. Dan it-twemmin m’għandniex naħbuh. F’kuntatti qosra bħal dawk tal-Peregrinatio, ma nistgħux nispjegaw kollox, iżda m’għandux ikollna f’moħħna li ma nsemmuhomx apposta, biex ma ngerrxux lil dak li jkun jew biex niġbduh lejna.

# Il-post li għandha Sidtna Marija

Issa ngħaddi għal punt ieħor fundamentali - Sidtna Marija. Dal-punt għandu importanza speċjali f'dan iż-żmien ta' wara l-Konċilju Vatikan it-Tieni. Issib min jgħidlek li l-Koncilju ma riedx iqiegħed lil Marija wisq fil-għoli. Iżda jien ma nistax nifhem kif xi ħadd jista' jgħid  dan wara li jaqra d-Digriet “De Ecclesia” ta' l-istess Konċilju; għaliex, għall-ewwel darba fl-istorja twila tagħha, il-Knisja ddeċidiet li tagħtina t-twemmin tagħha fuq Marija bil-miktub. Dak id-dokument issejjaħlu l-Kostituzzjoni tal-Knisja. Kapitlu VII. Dokument twil, fuq il-post tal-Madonna, u bih id-Digriet nistgħu ngħidu li jilħaq il-quċċata tiegħu. Tant huwa qawwi li jinħass qisu mibni fuq il-Manwal tal-Leġjun. Dak il-kapitlu nistgħu tassew insejħulu l-karta tad-drittijiet ta' Sidtna Marija. Hemm ġiet imsejħa Avukata, Awżiljatrici, Adjutriċi, Medjatriċi. “Adjutrici” hi kelma oħra li tfisser “Korredentriċi”. Minħabba l-użu tal-kelma “Medjatrici” weħidha, xi wħud bdew jagħtuha tifsira li ċċekkinha għaliex, qalu ma ntużax it-titlu “Medjatriċi tal-Grazzji Kollha”. Imma, nistaqsu aħna, il-Koncilju ċekken lil Sidna Ġesù Kristu meta sejjaħlu “Medjatur” fid-dokumenti kollha?

Il-Kardinal Newman għandu osservazzjonijiet sbieħ u profondi dwar l-iżvilupp tad-Duttrina Nisranija. Huwa jgħid li kull duttrina imqar jekk ippreżentata b'mod l-iżjed mirqum, mhijiex ħlief l-iżvilupp ta' żerriegħa li kienet hemm minn dejjem. Fi kliem ieħor, l-ewwel Insara ma kienx ikollhom id-duttrina f'moħħhom bid-dettalji u d-distinzjonijiet li għandna

aħna l-lum. Iżda l-essenzjal li nsibu fiha llum kien hemm fi żmienhom ukoll.

## Meħtieġa fis-salvazzjoni ta' kull ruħ

Tkun ħaġa interessanti li napplikaw dan il-ħsieb ta' Newman għas-sehem tal-Madonna fis-salvazzjoni tal-bnedmin kif spjegat mill-Konċilju, u naraw kif jaqbel mal-ewwel stqarrija dwaru magħmula lill-umanità. Dan sehem Marija ġie pproklamat fl-ewwel profezija li nsibu fil-Kotba Mqaddsa, dik magħmula minn Alla Nnifsu lis-serpent wara l-waqgħa tal-ewwel ġenituri tagħna. F'dak il-waqt ta' qerda u ta' disperazzjoni, il-profezija fetħet xaqq ta' tama. Instemgħet il-wegħda tal-Fidwa. Dik il-profezija (magħrufa wkoll bħala l-Protevanġelju jew l-Ewwel Evanġelju) tibda b'Sidtna Marija u tagħmilha l-pedament tal-proċess li permezz tiegħu l-umanita' kellha terġa' titħabbeb m'Alla. Intom il-leġjunarji imisskom tafuha sewwa, għaliex il-kliem tagħha jifforma l-katina tal-bordura tat-Tessera: "Inqajjem gwerra bejnek u bejn il-Mara, bejn in-nisel tiegħek u n-nisel tagħha. Hu jisħaqlek rasek''.

Dan is-suġġett jagħti lok għal eżami ta' siwi kbir u ta' ċertu tul. Iżda l-ħin ma jippermettix u nista' biss nippreżenta s-suġġett fil-qosor ħafna. Billi l-gwerra msemmija hi għal dejjem, twassal l-ewwelnett għall-punt tat-Tnissil bla Tebgħa ta' Marija. Minbarra dan, dik il-Mara għandha tkun ukoll l-Omm tal-Feddej u ta' dawk kollha magħqudin Miegħu. Kif jidher mit-ton kollu tal-profezija u mill-għaqda li nsibu bejn il-Mara u n-Nisel tagħha, Hi għandha tkun l-awżiljatriċi u l-

koperatriċi Tiegħu. Jekk Hi tikkopera fil-Fidwa nfisha, Hi bilfors taħdem parti analoga fl-amministrazzjoni kollha tal-grazzji. Tkun, għalhekk, Avukata u Medjatriċi. Huwa Hu li jġib is-salvazzjoni. Iżda fil-waqt li tiddependi minnu, Hi għandha s-sehem tagħha ordnat u meħtieġ fil-misteri kollha tar-reliġjon.

Jien immur iżjed ’il quddiem u ngħid li dawn il- konklużjonijiet miġbudin minn dik il-profezija mhux biss huma ġusti, iżda huma deduzzjonijiet li ħadd ma jista’ jwarrabhom. Dak li l-Konċilju jgħallimna dwarha llum insibuh bħala żerriegħa f’dik il-profezija; bħalma ż-żbula li fil-futur għad tidher tixxejjer maż-żiffa tinsab diġà fil- qamħa tal-lum.

Hekk huwa għoli l-post ta’ Marija fil-pjan ta’ Alla. Imħabbra bħala l-pont tal-bidu ta’ dak il-pjan, hi tkompli tkun fih l-istrument magħżul sakemm jitwettaq għal kollox bis-salvazzjoni tal-aħħar ruħ.

Daqshekk għandu jitla’ fil-għoli l-apprezzament tagħna għall-Madonna. Nistgħu nagħtu ’l Marija lill-oħrajn skont kemm għandna fiha fidi kbira. Jekk din ma tkunx biżżejjed, aħna ma nippreżentawhiex lill-bnedmin bil-verità kollha. Ikun għalxejn li nsemmu isimha jekk dan ma jġorrx miegħu l-għarfien sħiħ tas-sehem tagħha fil-pjan divin. Mhijiex xi intopp fit-triq li twassal għall- konverżjoni. Alla għażilha biex tkun l-Omm tal-bnedmin kollha. Għalhekk meta nsemmuha lil xi ħadd huwa jwieġeb bl-istess mod bħalma jwieġeb għall-isem t’Alla.

## Il-prinċipju tas-sewwa kollu

Nerġa' ngħid li meta navviċinaw in-nies għandna nżommu f'moħħna l-prinċipji tagħna. Prinċipju ieħor huwa li nemmnu kif jgħid il-Kardinal Newman, li s-sewwa għandu l-ħila jirbaħ. Għandu l-qawwa partikulari tiegħu li hi dejjem hemm, avolja aħna forsi nippreżentaw is-sewwa b'mod dgħajjef. Inkunu qegħdin immorru kontra dak il-prinċipju jekk indawru t-tagħlim tal-Knisja skont iċ-ċirkustanzi, li jvarjaw minn pajjiż għal ieħor u minn bniedem għal ieħor. Kien hawn diversi li ppruvaw jagħmlu dan, iżda l-metodu qatt ma rnexxa. Il-verità hi waħda u għandna nżommuha sħiħa.

Ta' sikwit nisimgħu li jekk ċertu twemmin tagħna ma nbiddluhx xi ftit ma naslu biex nikkonvertu lil ħadd. Qabel taċċettaw idea bħal din tridu l-ewwel taraw kemm dak li jgħidha jkun ipprova jikkonverti lil xi ħadd. Is-sentenza li l-Kattoliċi ġeneralment jagħtu fuq kull post fejn jgħixu aktarx dejjem tkun din: ma jistax ikun li hemm hekk xi ħadd jikkonverti lil xi ħadd! F'kull post nista' nsemmi nies li ilhom jgħixu hemm ħafna snin; li qatt ma pprovaw jikkonvertu lil ħadd; li mbagħad jgħidu li mill-esperjenza tagħhom huma jafu li n-nies ta' hemm ma jikkonvertux, anzi li lanqas biss jista' wieħed jipprova jkellimhom fuq ir-reliġjon. U ħafna jkomplu jirrepetu dan l-iżball minkejja l-fatt li s-setet il-ġodda qegħdin ikellmu nies bl-eluf, u kemm-il darba jkollhom is-suċċess li jixtiequ.

F'pajjiżna li hu ikkunsidrat ateju, ambaxxatriċi leġjunarja tagħtina stampa differenti ħafna. Qaltilna li hi tipprova

tkellem għaxra min-nies kuljum fuq il-Knisja. Dejjem issibhom jinteressaw ruħhom, u qatt ħadd ma ttrattaha ħażin. Issa l-leġjunarji qegħdin jagħmlu dak li qabel kien ikkunsidrat impossibli. Indaħlu b'ruħhom u ġisimhom għall-kuntatti tat-triq, wieħed mill-iżjed ħidmiet tqal, u qegħdin jiġu milqugħa tajjeb minn kulħadd. Intom tafu bl-esperjenzi tal-membri li marru għall-Peregrinatio f'dawn l-aħħar tliet snin f'postijiet fejn ma hemmx tamiet kbar ta' laqgħa sabiħa. Urewna ċar li kważi kulħadd lest jaċċetta l-kuntatt fuq ir-reliġjon. Dan jipprova dak li qal Santu Wistin, li l-qalb tal-bniedem għandha l-għeruq tagħha marbuta m'Alla. Nitbiegħdu minnu kemm nitbiegħdu, Hu jiġbidna lejh. Jitħabblu kemm jitħabblu fl-injoranza jew fid-dnub, dawk l-għeruq jibqgħu marbutin m'Alla. Aħna nistgħu napprofittaw minn dak il-prinċipju, u hu dmir tagħna li dan nagħmluh.

## Xhieda mir-Russja

Nikkwota x-xhieda li tgħaġġeb ta' leġjunarja minn Londra li għamlet żjara twila fir-Russja. Kienet staqsiet lil sitt mitt ruħ din il-mistoqsija: "X'taħseb fuq Alla?" It-tweġibiet li tawha ġabrithom fi ktieb li wara ġie ppubblikat. Billi hawn ma nistax intawwal, se nagħtikom fil-qosor tweġiba rappreżentattiva li jien ifformajt mit-tweġibiet differenti li hemm fil-ktieb. Hija din: 'X'naħseb fuq Alla?' L-ewwelnett nistqarr li ngħir għalik li għandek il-fidi; li kieku Alla jeżisti, il-ħajja kienet tkun tfisser xi ħaġa: kif inhi ma tagħmilx sens. Speċjalment hemm il-problema tat-tbatija. Għaliex? Xi tfisser? Fid-dinja nitwieldu mingħajr ma rridu aħna, u jkollna bilfors ngħixu ħajja diffiċli u aktarx mimlija dwejjaq. Jekk jirnexxielna nfaddlu l-flus u

jkollna xi ħaġa tagħna, dan aktarx jiġri meta nibdew nixjieħu u ma jibqagħlniex żmien ingawdu ġidna. Kif taqbad tfisser dan? Għal darba oħra jkolli ngħid li ngħir għalik li temmen f'Alla. Iżda, jaħasra, ir-reliġjon mhix ħaġa vera; ix-xjenza wrietna ċar li mhix''.

Fil-qosor dik hi l-essenza ta' 600 tweġiba. Issa ħarsu ftit ġewwa l-imħuħ ta' dawk in-nies. Ma tarawx il-prinċipju ta' Santu Wistin moħbi hemm ġew iżda qed jitħabat biex joħroġ u jidher? Fuq dak il-prinċipju intom għandkom taħdmu, minkejja l-fatt li l-każ ikun jidher iebes u minkejja l-fatt li l-fidi tkun tidher nieqsa għal kollox. Emmnu f'dak il-prinċipju u ħalluh imexxielkom it-tattika li tużaw. Din l-attitudni tatna riżultati tajbin kulfejn ġiet applikata mil-leġjunarji li kellhom f'qalbhom fidi qawwija.

## Ix-xjenza u r-reliġjon

Ix-xjenza tippruvalna li r-reliġjon mhix vera! Din hi s-sentenza effettiva ta' żmienna. Jiena ngħid li għamlet ħsara lir-reliġjon wisq iżjed minn kull ħaġa oħra; għaliex ħafna jemmnuha. Ħafna donnhom jipnotizzaw ruħhom meta xi ħadd isemmilhom ix-xjenza. Għalhekk jeħtieġ nitkellmu ftit fuq dan il-punt. Nistgħu nsibu xi mod biex naffrontaw dan is-suġġett? Nistgħu nistabilixxu xi prinċipju li jgħinna nwieġbu għal din ir-rimarka dwar ix-xjenza?

L-importanza tax-xjenza fil-ħajja tal-bniedem tallum hi kbira ħafna. Imdawrin biha minn kullimkien. Nistagħġbu bla tarf bir-rebħiet tagħha. Nisimgħu kull jum b'affarijiet ġodda li ma jitwemmnux. Fi żmien qasir għad ikun hawn ajruplani għall-

pubbliku li jivvjaġġaw bit-33 mil kull minuta. Il-vapur kbir għad ikun jista' jagħmel id-dawra tad-dinja bi kwantita' żgħira ta' enerġija qawwija! Il-bniedem wasal fuq il-qamar, u dawk li marru ġew lura u qalulna x'hemm hemm fuq! Il-progress tax-xjenza hu tassew ta' l-għaġeb u qed jgħin lill- bnedmin jifhmu dejjem iżjed il-liġijiet tan-natura u jitgħallmu dejjem iktar kif jużawhom.

B'liema mod jista' xi ħadd jgħid li dan kollu jipprova li x-xjenza qerdet ir-reliġjon jew lil Alla? Dik ir-rimarka tfisser prinċipalment li aħna tant sirna nafu affarijiet ġodda, li fil-ġejjieni għad ikollna l-ħila nikkontrollaw in-natura kollha u nagħmlu dawk l-affarijiet kollha tal-għaġeb li sa ftit ilu konna nemmnu li jagħmilhom Alla; u għalhekk dan itella' l-bniedem fl-istess post fejn qabel missirijietna kienu jpoġġu lil Alla.

Mingħajr dubju, dan kien ikun veru li kieku Alla kien biss dak li Dr. Robinson, l-Isqof ta' Woolwich (Protestant), u xi oħrajn bħalu, jgħidu li hu. Dawn huma tal-fehma li Alla mhux Persuna; mhux xi ħadd li jista' jħobbna u li aħna nistgħu nħobbu u nitolbuh; iżda li hu biss il-ġabra flimkien tal-liġijiet u l-forzi tan-natura.

## Instabu ħwejjeġ iżjed ta' l-għaġeb

Iżda Alla mhu bl-ebda mod kif jimmaġinah dak l- Isqof. Alla hu l-Ħallieq ta' dawk il-liġijiet. Li nifhmu l-liġijiet tan-natura hi ħaġa differenti ferm milli noħolquhom aħna. Il-fatt li Hu jħallina nifhmuhom dejjem aħjar u nużawhom fil-ħajja mhux raġuni biex naħsbu li l-bniedem issa qed jieħu l-post ta' Alla, jew li qed iġibu fix-xejn. Għall-kuntrarju, jien jidhirli li l-

progress kbir li sar fix-xjenza, minflok ma jsolvilna dik il-problema kbira, joħolqilna misterju ikbar milli kellna.

Bħala eżempju ta' dan il-misterju (li qed jikber mal-progress tax-xjenza) insemmu dak li sirna nafu fuq l-atomu, tagħrif li jitfa' dawl hekk importanti fuq il-binja tal-materja u kif tiffunzjona. L-atomu, li qabel kien ikkonsidrat l-iżgħar parti fin-natura, U fil-fatt deskritt fil-proverbju bħala entità li ma tistax tinqasam, issa ntwera li huwa univers sħiħ fih nnifsu. L-ebda mikroskopju ma jurina dan, iżda fih xemx (proton) u sistema ta' pjaneti u satelliti (elektron, newtron, eċċ), b'liġijiet li huma dettaljati, komplessi u bl-ordni daqs dawk li nsibu fis-sistema tax-xemx tagħna.

Dawn is-sejbiet tax-xjenza jiftħu veduti għal moħħna li jagħmlu l-misteri tal-ħolqien u tal-eżistenza tal-bniedem aktar diffiċli biex nifhmuhom milli kienu sal-lum. Allura kif ix-xjenza warrbet lil Alla? B'liema mod nistgħu nbassru li l-progress li x-xjentisti se jagħmlu fil-ġejjieni se jneħħi kull ħtieġa ta' Alla? Li għad jiġri żgur hu li dak il-progress se jagħmilha ħaġa aktar diffiċli għalina biex lil Alla nifhmuh. Imma b'daqshekk m' għandux inaqqas l-adorazzjoni u l-imħabba tagħna lejh.

Ġeneralment insibu li n-nies li jinsistu l-iżjed bil-qawwi li x-xjenza u r-reliġjon ma jistgħux joqogħdu flimkien mhumiex ix-xjentisti veri. Aktarx li huma dawk li Monsinjur R.H. Benson jiddeskrivi bħala "nies li marru għal xi lezzjonijiet tax-xjenza, iżda mhux għal żmien twil". Għandna

nisfidawhom jippruvawlna dak li sikwit jgħidu b'ħafna arja u bla ħsieb.

## Ix-xjenza tidher newtrali

Biex niġbor fil-qosor dak li semmejt fuq dan il-punt ngħid dan. Jiena naħseb li l-verità kollha hi li x-xjenza mhix se taffettwa s-sitwazzjoni lejn naħa jew lejn l-oħra. (La issa u lanqas fil-ġejjieni). Għal min ma jemminx, kull sejba ġdida tax-xjenza donnha tfisser li aktar kemm jgħaddi ż-żmien l-idea ta' Alla tista' titwarrab, u li allura Alla ma jeżistix! Bla dubju, fiċ-ċirkustanzi msemmija, din hi stqarrija stramba. Min-naħa l-oħra, dak li jemmen jara kull pass 'il quddiem tax-xjenza bħala ħaġa li tkompli titfa' d-dawl fuq Alla, u li tgħinu jidħol iżjed fil-kobor u l-ġmiel tiegħu.

Għalhekk, f'din il-kwistjoni tal-fidi, ix-xjenza tidher ħaġa newtrali, għaliex kull naħa tista' żżomm biex tgħin il-kawża tagħha. Iżda jekk ix-xjenza tista' twassal bniedem li jaħseb b'moħħu biex jaċċetta 'l Alla bħala r-raġuni waħdanija possibli tas-sistema tan-natura, li tgħaġġibna bil-ġmiel, bil-komplessità u fl- istess ħin bl-ordni tagħha, aħna m'għandniex inħallu min isemmi x-xjenza biex jiġbed lill-boloh lejn il-filosofija materjalista.

Forsi xi ħadd ma jaqbilx ma' dan u jistaqsi, "Jekk ix-xjenza hi newtrali, għaliex issib ħafna xjentisti li ma jemmnux?" Waħda mir-raġunijiet nistgħu ngħidu li hi li l-Kattoliċi jibqgħu lura u ma jkellmuhomx fuq il-fidi. Min-naħa l-oħra, l-elementi

kontra r-reliġjon huma qawwija ħafna. Dak li hu newtrali jċedi għall-forza li tintuża fuqu.

## Insemmu l-mirakli

Hawn nixtieq immur lura għal suġġeriment li għamilt żmien ilu, li ħafna forsi jaħsbu li hu sempliċi wisq biex inħaddmuh u mhux modern biżżejjed. Jien iżda nqiegħdu quddiemkom bħala prinċipju assolut tal-ħidma tagħkom. Dan huwa li intom tinsistu fuq il-mirakli. L-argument tal-mirakli jiswa llum daqskemm kien jiswa meta Sidna Ġesù Kristu għamel użu minnu b'mod hekk drammatiku. Semmu l-każ ta' Elizabeth Delot li ssibu fil-ktejjeb tagħna "Formula għall-Konverżjoni". (1) L-ebda stat tax-xjenza, la ta' l-imgħoddi, la ta' issa u lanqas tal-ġejjieni ma jista' jispjegah. Fih insibu, b' mod ċar u li ma jista' jmerih ħadd, l-indħil ta' Alla fil-qasam li x-xjenza tgħid li hu tagħha. Jien niggarantilkom li b'dan il-miraklu intom tagħlqu l-ħalq imqar ta' l-iżjed wieħed li jgħajjat 'li x-xjenza tispjega kollox u li m'hemmx iżjed post għar-reliġjon. Allura semmuh dak il- każ. Wieħed leġjunarju rrakkontah lil ħamsin Protestant, kollha ta' l-iskola u ta' twemmin (u xettiċiżmu) li jvarja. Kollha baqgħu mħassbin b'mod li juri rispett.

F'rapport ta' dan l-aħħar intqal li wieħed mill-aqwa xjentisti ta' l-Universita' ta' Moska kellu interruzzjoni waqt lezzjoni minn wieħed mill-istudenti tiegħu. Dan qam u staqsih:"Xi tfisser il-ħajja?" Għall-ewwel il-professur ħassu ftit imbarazzat għax ħaseb li l-istudent ried jitkessaħ. Ħares lejn wiċċ l-istudent u mbagħad lejn l-istudenti l-oħra li kellu

quddiemu. Kollha kellhom bixra serja ta' nies imħawda. Bl-ikbar onesta' weġibhom, "Ma nafx". U kompla bil-lezzjoni. Taraw li x-xjenza ma solvietx il-misterju għal dak il-professur, u lanqas solvietha għall-klassi tiegħu.

## Il-Peregrinatio meħtieġ ferm

Ix-xogħol tagħkom hu importanti bla tarf. Hu meħtieġ ferm għall-Knisja għaliex jagħti prova u wirja tal-fatt li kull bniedem qed jistenna lil xi ħadd joffrilu l-Fidi. "Kif nista' nifhem jekk xi ħadd ma jurinix?" jgħid ir-raġel tal-Etjopja mill-karru tiegħu lil Filippu l-Appostlu (Atti 8, 26-39). Fil-postijiet fejn tintbagħtu, intom biss għasafar tal-passa. Iżda għalkemm iż-żmien tagħ- kom ikun qasir, huwa twil biżżejjed biex turu li intom temmnu. żgur li jista' jkun twil daqs il-ħin li kellu San Filippu biex jispjega l-affarijiet lil dak ir-raġel u hu kkonvertih. Fil-ħin li jkollok int forsi jirnexxilek iddaħħal in-naħa l-irqiqa ta' l-ispnar fil-blata samma ta' quddiemek, imqar jekk il-ponta biss. Imbagħad ikompli jsammru ħaddieħor sakemm jidħol għal kollox u jilħaq l-iskop tiegħu. Biċċa minn dak ix-xogħol importanti jkun ħareġ mill-ispirazzjoni li tkun tajt int, li tibqa' warajk fil-moħħ tal-persuna li tkun kellimt.

Hemm raġuni oħra għaliex sforz bħal tagħkom għandu jsir. Disgrazzjatament, sikwit insibu li l-Kattoliċiżmu tal-post fejn tmorru jkun ta' kwalita' fqira. Jista' jkun biss ftit iktar minn rutina ta' drawwiet twajba nieqsa minn kull qawwa li tiġbed jew tispira lill-erwieħ, b'mod li min iħares lejn dak il-post jista' jgħid li hemmhekk m'hemmx fidi. Qagħda bħal din tkun ħaġa

li n-nies li mhumiex Kattoliċi jistmerruha, u li toħloq indifferenza fil-Kattoliċi nfushom. Dwar wieħed mill-pajjiżi, xi osservaturi qalu li mill-ftit mijiet li ta' kull sena jikkonvertu għall-Knisja Kattolika, nofshom iħalluha malajr għaliex ma jsibux dak li jkunu jistennew. Meta fil-Knisja kif titħaddem f'dak il-pajjiż ma jsibu xejn mill-kampanja glorjuża għall-erwieħ li jkunu qraw dwarha fil-kotba, huma jitilqu lura, bla tama, lejn l-ateizmu.

## Il-Miraklu tal-Fejqan ta' Elizabeth Delot

Fil-ktejjeb "Formula għall-Konverżjoni", fost punti oħrajn, Frank Duff iwieġeb għall-oġġezzjoni li xi xjentisti jagħmlu dwar il-fejqan tal-għaġeb li minn żmien għal żmien jiġri f'Lourdes. L-oġġezzjoni, fil-qosor, hija din: ma nifhmux kif jiġri dan il-fejqan imma 'l quddiem ix- xjenza żgur għad issib x'inhi dik il-qawwa li tfejjaq il-mard.

Dwar dik il-'qawwa' Duff jikteb hekk: "Dan id-diskors fuq il-'Wonder-ray' (Raġġ ta' l-Għaġeb, ta' Lourdes hu hekk fantastiku li jfakkarna f'dak il-qawl antik: "Min ma jemminx fil-mirakli malajr jispiċċa biex jemmen f'ħafna kliem bla sens".

L-awtur imbagħad ikompli jispjega l-punt tiegħu: billi jagħmel għadd ta' mistoqsijiet, jasal għall-konklużjoni tiegħu jipprovaha bil-każ tal-fejqan mirakuluż ta' Elizabeth Delot. Dan li ġej hu l-kliem ta' Duff.

Għaliex ir-Raġġ ta' l-Għaġeb qed jaqdi l-Knisja Kattolika? Għaliex qed jaħdem għalina b'dan il-mod? Għaliex ix-xjentisti, li tant qegħdin ifittxu meravilji bħal dan ir-raġġ,

jibqgħu ma jsibuhx, fil-waqt li nies li b'ebda mod ma jfittxuh qegħdin jintlaqtu minnu u jgawdu mill-qawwa tiegħu? Għaliex dan ir-Raġġ jagħmel il-ġid f'kull ċirkostanza, u qatt ma jagħmel l-iċken ħsara lil ħadd? Għalkemm ir-Raġġ-X ifejjaq xi tipi ta' mard, dan jagħmel il-ħsara fit-tessuti tal-marid, u f'xi każi jista' jikkaġuna ħsara iktar qerrieda. Iżda dan ir-Raġġ il- ġdid ta' Lourdes ma jagħmel ħsara qatt u għandu s-setgħa li jfejjaq kull xorta ta' mard, anki mardiet li jeħtieġu kuri assolutament kontra xulxin.

Iżda fuq kollox ir-Raġġ ta' Lourdes għandu fakulta oħra - JAĦSEB! Insemmi każ fejn l-effett ta' l-intellett jidher b'mod li ma jista' jmerih ħadd, u għalhekk naraw li dan mhux Raġġ tal-Għaġeb komuni jew xi qawwa naturali, iżda hemm fih il-qawwa t'Alla. Huwa l-każ ta' Elizabeth Delot, li kienet għalliema fl-Istitut Haffreinque ta' Boulogne ġewwa Franza.

Is-Sinjorina Delot kienet marida, ħaduha l-isptar għar-ritratt (X-Ray) u t-tobba sabu li kellha kanċer avvanzat. Kien fil-qiegħ ta' l-istonku u laħaq sa parti mill- fwied. Iddeċidew li ssir operazzjoni. Iżda meta fetħu l-istonku l-professuri sabu li l-kanċer kien avanzat wisq. Ma kienx possibli li jitneħħa. Hu u sħabu qatgħuha li ma jmissuhx. Kien imblokka għal kollox it-toqba li tieħu mill-istonku għall-imsaren. Il-ħaġa waħdanija li setgħu jagħmlu kienet li jbiddlu b'mod drastiku r-rotta ta' l-imsaren biex hekk l-ikel ikun jista' joħroġ għal ġo fihom minn toqba li setgħet issir f'naħa tal-istonku fejn il-kanċer kien għadu ma laħaqx.

Hekk għamlu, u f'dan it-tobba kellhom is-suċċess mixtieq. Il-pazjenta ħadet dehra ta' waħda mfejqa. Bdiet tiekol bħal qabel, u fi żmien qasir reġgħet bdiet tgħallem fl-iskola fejn kienet qabel l-operazzjoni. Iżda l- professur li kien operaha qal privatament lill-kap tal- iskola tagħha li l-għalliema ma kellhiex ħajja twila. Qallu li l-kanċer kien qed jinfirex u fi żmien qasir kien se jilħaq it-toqba li għamlilha u jagħlaqha.

Hekk ġara. Wara ftit taż-żmien is-sinjali ta' qabel reġgħu dehru. L-għalliema Franċiża reġgħet ħasset li l-istonku ma setax aktar jaħdem l-ikel li kienet tiekol. Reġgħet ġiet eżaminata mit-tobba. Ir-ritratt wera li l-kanċer kien infirex man-naħa t'isfel kollha ta' l-istonku u għalaq it-toqba li tieħu għall-imsaren. U l-fwied issa safa milqut kollu mill-marda kiefra. L-ispeċjalisti qatgħuha li ebda operazzjoni ma setgħet tgħin lil dik l-imsejkna.

Xejn ma seta' jsir. Il-pazjenta kellha biss tistenna d-destin tagħha. Bdiet tirqaq u saħħitha marritilha għal kollox. Fi ftit żmien waslet f'xifer il-qabar.

Inzerta li dawk il-ġranet kellu jitlaq pellegrinagg mill-belt tagħha għal Lourdes. Minkejja l-biża' li aktarx tmut mat-triq Elizabeth Delot ġiet aċċettata biex hija wkoll tasal f'riġlejn il-Madonna. Waslet ħajja u ħaduha fis-sala mal-morda l-oħra.

L-għada fil-għodu ħaduha l-Banjijiet ma' sħabha l- morda.

Meta tniżżlet fl-ilma tant bdiet tħoss uġiegħ qawwi fl-istonku tagħha li nfexxet twerżaq bla ħniena. Ħaduha lura l-isptar biex jaraw x'kien ġralha. Iżda wara ftit qabadha l-ġuħ u

talbet l-infirmiera ġġibilha xi ħaġa x’tiekol. Din baqgħet mistagħġba, għaliex kienet taf li Elizabeth, bil-marda li kellha, ma setgħet tiekol xejn. Iżda tatha l-ikel u l-pazjenta rnexxielha żżommu. Imbgħad Elizabeth qalet li bdiet tħoss ċerta saħħa tikber fiha u li kienet tixtieq tipprova timxi. Għenuha ftit tinżel fl-art. Imbagħad rawha timxi bla tbatija ta’ xejn - ħaġa li skond il-liġi tan-natura, għall-pazjenta kienet impossibli. Dan għaliex minbarra l-fatt li kienet bla saħħa għal kollox, il-muskoli ta’ riġlejha kienu ġew fix-xejn. Minkejja dan kollu, imxiet. Dawk ta’ madwarha fehmu li kienet ġrat xi ħaġa tassew mhix tas-soltu.

Ħaduha l-”Bureau” u sarilha eżami mediku ħafif. Il-kanċer li qabel meta tmissu kien jinħass, issa ma kienx jinħass iżjed. It-tobba tal-’Burea’ qalulha biex meta tasal lura d-dar tmur għand it-tobba tagħha għal eżami iżjed serju.

Mela Elizabeth Delot temmet il-pellegrinaġġ timxi weħidha bħal kull persuna oħra b’saħħitha. Meta waslet Boulogne sarilha eżami fit-tul mill-ispeċjalisti ta’ hemm. Dawn sabu li la fl-istonku u lanqas fil-fwied ma kien fadal l-iċken sinjal tal-kanċer. Kienet fieqet b’mod l-iżjed perfett.

Imma araw il-ĦSIEB tar-Raġġ ta’ l-Għaġeb li hemm *

Lourdes. It-toqba l-ġdida li l-professur kien għamel fl-istonku tal-pazjenta għebet għal kollox. L-operazzjoni kienet qisha ma saret qatt. It-tibdil li kien sar fl-imsaren ma kienx hemm iżjed; dawn reġgħu ħadu r-rotta naturali tagħhom ta’ qabel. Imkien ma baqa’ jidher l-iċken sinjal tal-operazzjoni.

Wara dan il-fejqan Elizabeth Delot għexet sakemm laħqet eta’ sabiħa. Ħaġa interessanti li ninnotaw hi li ma mititx b’xi marda. Mietet f’bumbardament tal-gwerra.

Mhix ħaġa tqila nimmaġinaw xi raġġ xjentifiku (jew qawwa) oħra li b’kumbinazzjoni jolqot kanċer f’xi persuna, u jeqridlu l-qilla tiegħu b’mod li n-natura mbagħad twassal il-ġisem għall-fejqan sħiħ. Iżda bl-ebda mod ma nistgħu nimmaġinaw li qawwa mingħajr il-kapaċità li taħseb tista’ tfejjaq u treġġa’ lura għall-istat naturali b’mod hekk perfett it-tibdil li kien sar fl-operazzjoni ta’ dik il-pazjenta.